31983R1457

8.6.1983 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 150/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1457/83
tas-26 ta' Mejju 1983
dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fl-għamla ta' bdil ta' ittri dwar l-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Qafas dwar koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi, wara l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika mal-Komunità, l-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Qafas dwar koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil għandu jiġi emendat u l-ftehim fl-għamla ta' bdil ta' ittri għandu jiġi approvat għal dak il-għan

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim f'għamla ta' bdil ta' ittri dwar l-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Qafas dwar koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Komunità

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Mejju 1983.

Għall-Kunsill

Il-President

Otto GRAF LAMBSDORFF

---

[1] ĠU C 96, tal-11.4.1983, pġ. 89.